Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL
L-GHAXAR KUNSILL
SEDUTA NRU. 13 – It-Tlieta 24 ta' Ġunju 2025 fit-3:30 ta' wara nofsinhar.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali it-Tlieta 24 ta' Ġunju 2025 fit-3:30 ta' wara nofsinhar Preżenti

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Joseph Debono | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| | |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**13.1 Talba**

13.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku

**13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

13.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati

**13.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

13.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**13.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

13.4.1 Is-Sindku ta' aġġornament fuq il-Plenarja tar-Reġjun Għawdex li saret nhar is-Sibt, 21 ta' Ġunju fejn ġew diskussi diversi temi u workshop. Ġiet diskussa b'mod partikolari it-tema tal-indafa u skart fejn kien hemm qbil li jsiru aktar laqgħat mal-manaġer tar-reġjun t'Għawdex dwar il-problemi speċifiċi tal-lokalita' tagħna. Kien

hemm aġġornamenti wkoll dwar is-sena tal-Kultura u Għawdex Reġjun tal-Gastronomija.

13.4.2 Is-Sindku ghamel referenza wkoll ghad-diskussjoni dwar it-tbattil tal-boroz suwed fil-Wasteserv u qed tigi diskussa u enfasizzata li jistghu jidhlu fil-Wasteserv kuljum.

13.4.3 Is-Sindku ta' aġġornament dwar l-installazzjoni ta' CCTV madwar Għajnsielem taħt skema *'SPI/SCI/04/2023 - Komunitajiet aktar siguri u organizzati'* fejn ġew installati sistemi fiż-żona Ċimiterju, Pjazza Tolfa u camera addizzjonali fl-uffiċju tal-Kunsill li tagħti fuq Triq Chambray u l-ġnien il-ġdid ta' quddiem l-iskola. Jibqa l-aħħar fażi fil-playingfield tal-Gudja (Għajnsielem Learning Garden) u żona ta' quddiem każini inkluż lattrini.

13.4.4 Is-Sindku spjega kif matul dawn il-ġranet sar xogħol mill-ħaddiema tal-Kunsill fi Triq Sant'Eliju li tagħti għax-Xatt l-Aħmar sabiex ineħħu il-plastik l-aħdar li kien qed jitfarrak u jagħmel ħsara ambjentali. Ix-xogħol ma' setax jibda qabel minħabba li ridna nġibu l-permessi kollha neċessarji. Issa li jinsab kollox lest sabiex mil-1 ta' Lulju t-traffiku lejn il-bajja tax-Xatt l-Aħmar se jkun bis-sistema ta' one way l-isfel u 'l fuq lejn il-Belveder ta' Sant'Eliju kif kien fl-aħħar snin. Kien hemm xi bdiewa min ried jghaddi pipe izda ma kienx possibli li jsir dan.

13.4.5 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera b'sodisfazzjon ghall- attivita organizzata minn RUST ta' tmiem l-istaġun nhar is-Sibt 21 ta' Gunju. Kien hemm diversi tfal u parteċipanti. Din it-trakka f'Lulju tagħlaq hames snin. Kien esperiment li bdih dan il-Kunsill u rnexxa u llum għandna sports ġdid li qed jattendu għalih tfal min Għawdex kollu. Dan kollu frott ir-rizultat tas-serjeta tal-Kumitat li kompla jikber.

13.4.6 Is-Sindku qal li qed jkollna problema bil-boroz tal-bins għaliex kemm il-kuntrattur u anke il-Wastserv mhux jaċċetawhom. Qed issir talba mal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar sabiex il-Kunsill jingħata boroż ħodor li bihom jkun jista jidhol jiddepożita fl-impjant tal-WastServ. Din il-materja għanda tiġi wkoll diskussa fir-Reġjun.

13.4.7 Is-Sindku rrefera ghall-fatt li Triq Wied San Martin fuq talba tar-residenti se tingħata kisja bil-materjal tal-scarifier li huwa żrar bil-qatran miegħu li normalment jkun disponibbli meta titqaxxar triq. Se jiġu kkuntajtjati xi kuntratturi sabiex naraw min għandu dan il-materjal fl-immedjat filwaqt li l-Ministeru għal Għawdex se jipprovdi gaffa u servizz tar-romblu.

13.4.8 Is-Sindku ghamel referenza ghall-istima li rcevenjan sabiex issir tabella 'Merħba Għajnsielem biex teħel Triq Żewwieqa. Il-prezz huwa ta' € 900 + VAT

13.4.9 Is-Sindku ghamel referenza ghal fatt li qed jinbidlu it-tabelli kollha informattivi madwar ir-raħalperess li jinstabu fi stat hazin.

13.4.10Is-Sindku spjega li se jsir il-żbir tas-sigar tal-Pjazza tad-Dehra fil-ġranet li jmiss u qed nistennew il-Ministeru aktar tard tinzabar dik tal-Pjazza.

13.4.11 Is-Sindku ghamel referenza ghall-Konferenza Stampa li giet organizzata mill-Ministru tal-Ambjent Miriam Dalli u Project Green nhar il-Hamis 12 ta' Ġunju fil-Progett ta' Project Green fejn għaliha kienu mistiedna u attendew is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv.

**13.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera**

13.5.1 Il-Kunsillier Larry Buttigieg irrefera għall-istedina taċ-ċerimonja tal- Snooker fejn ser jipprezentaw il-premijiet lir-rebbieħa li ser issir nhar it-Tlieta 1 ta' Lulju fil-Każin tal-Banda fit-8:00p.m. Il-Kunsill kollu huwa mistieden.

13.5.2 Il-Kunsillier Stephen Mercieca għamel referenza ta' ringrazzjament għax-xogħol li qed isir fi Triq ix-Xatt l-Aħmar. Is-Sindku spjega li sar xogħol tat-tqaxxir mill-kuntrattur u l-ħaddiema tagħna taw ic-cement.

13.5.3 Il-kunsillier Stephen Mercieca irringrazzja lis-Sindku Kevin Cauchi li jilqa' kull talba li jressaqlu specjalment dwar indafa u knis. Is-Sindku spjega kif bħalissa sakemm jibda l-kuntratt il-ġdid ma għandniex kenniesa biżżejjed peress li qed jagħtuna inqas sigħat ta' servizz peress li għolilhom hafna l-prezz tad-dumping. Is-sigħat jerġgħu jiġu lura għan-normal mal-kuntratt il-ġdid.

13.5.4 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex jinqata l-haxix u titnaddaf it-Triq li tagħti għal-Heliport.

13.5.5 Il-kunsillier Teddy Saliba ressaq it-talba sabiex Triq Benghazi tinbidel f'One Way minn naħa tar-Rabat . Is-Sindku wieġbu li din il-materja ilha tiġi diskussa iżda d-diffikulta hi li biex tidħol f'Għajnsielem trid bilfors tidħol minn Triq Simirat. Sar qbil li minħabba l-periklu li hemm għandna naraw isibux diffikulta' r-residenti t' hemm u nitolbu għal hump.

13.5.6 Il-kunsillier Teddy Saliba għamel referenza għal ħtieġa urġenti sabiex tissewwa t-toqba li nfetħet fil-kantuniera tal-Pjazza Madonna ta' Loretu. Is-Sindku wieġbu li t-talba tressqet bħala emergency works mal-Ministeru għal Għawdex u qed ninsistu sabiex issir malajr.

13.5.7 Il-Kunsillier Teddy Saliba staqsa dwar x'sistema addottajna biex naqset daqshekk it-talba għat-trips bil-van tal-Kunsill. Is-Sindku wieġbu li qtajna s-servizzi li dar San Gużepp u qed naċċettaw biex trips għal-skop ta' saħħa jew urġenza.

13.5.8 Il-Viċi Sindku Joseph Debono faħħar lil Għaqda Rust għall-event li organizzaw fejn icclebraw 5 snin mit-twaqqif tal-Ghaqda. Kienet event sabiha hafna u s- Sur Paul Zerafa bħala fundaatur ta' din l-għaqda qed jaghmel biċċa xogħol tajba ħafna.

13.5.9 Il-Viċi Sindku wkoll irringrazzja lis-Sindku talli ser isiru l-Cameras ħdejn il-każini.

13.5.10 Il-Vici Sindku ghamel referenza li fit-trakka tar-roti hemm hafna bankijiet imkissrin u sewwa kieku nespoloraw possibdilta li jinbidlu.

13.5.11 Il-Viċi Sindku Joseph Debono għamel referenza għall-proġett tar-restawr tal-Arkata tal-Wied. Huwa rrefera li ftit il-fuq mill-arkata kien hemm Torri żgħir magħruf bħala it-Torri ta' Kerrew. Ilu dan kien twaqqa' minn xi ħadd sabiex ikun jista' jonsob. Għad hemm il-pedamenti tiegħu u għalhekk huwa rrakkomanda hux ta' min nirriabiltawh u jservi ta' ikona oħra ta' Għajnsielem. Il-Kunsill qabel mal-proposta u ġie deċiz li għandna naraw kif nistgħu nirrangawh.

13.5.12 Il-Viċi Sindku għamel referenza għal problema li hemm li minn Triq Simirat ma tistax tilwi lejn il-Qala minħabba tabelli li nstallaw Transport Malta dan l-aħħar. Is-Sindku wieġbu li din ġiet ikkonteesta mill-Kunsill iżda ma rnexxilnix nikkonvinċuhom.

13.5.13 Il-Viċi Sindku offra li waqt Iljieli Sajifin jiftħu l-grawnd għall-użu tat-tfal biex jilgħabu fih iżda importanti li ma jkunux responsabbli jekk iweġġa xi ħadd. Il-Kunsill qabel ma' din l-idea.

13.5.14 Il-Kunsillier Stephen Mercieca staqsa dwar meta ser issir dik il-ħofra li hemm fi Triq Wied ir-Rgħajjes. Is-Sindku wieġbu li ilha snin ordnata u l-kuntrattur jibqa jwegħdna u ma jiġix.

### 13.6 Korrispondenza

13.6.1 Ġiet trattata it-talba li kellna minn resident sabiex Triq ġdida fi Triq l-Imġarr minflok tissemma Triq Ġużeppi Ciantar kif maqbul waqt laqgħa tal-Kunsill fl-2022. Is-Sindku wieġeb li dan huwa proċess ilu għaddej sentejn mal-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq u wasalna fl-aħħar u għandna l-irħama tal-isem tat-triq lesta. Il-Kunsill qabel li peress li din it-talba kienet tressqet mill-istess familja, ser inżommu mad-deċizzjoni inizjali li kien ħa l-Kunsill anke għal fatt li dan issa ġie approvat mill-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq.

13.6.2 Saret referenza għall- ittra li rċevejna mill-Għaqda Armar dwar l-użu tal-forklifter fejn ilmentaw li qed jintuza mingħajr permess jew notifikazzjoni minn qabel. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġbet li nfurmat lill-ħaddiema biex dejjem javżawha x'ħin ikollhom bzonn l-użu tiegħu iżda rrimarkat li l-Għaqda tajjeb ukoll tapprezza l-kollaborazzjoni sħiħa li qed tieħu minn naħa tagħna f'organizazzjoni ta' attivitajiet kbar li minnhom jibbenifikaw bi sħiħ l-Għaqdiet tal-lokal.

13.6.3 Ġiet trattata t-talba li rcevejna mir-Redcoats sabiex nagħtu għajnuna għat-transport għal players sabiex jilgħabu kompetizzjoni barra minn Malta. Is-Sindku wiegeb li dawn qed jagħmlu isem internazzjonali u din tkun l-uniku mezz kif nistgħu ngħinu darba fis-sena. Il-Kunsill qabel ma' dan.

13.6.4 Ġiet trattata t-talba mingħand il-Kor Virgo Lauretana sabiex ngħinuhom sabiex jagħmlu uniformi ġdida. Sar qbil li ngħaddu t-talba biex dawn jistgħu jitħallsu mid-donazzjijiet tal-Kumitat Bethlehem f'Għajnsielem peress li dejjem jagħtu s-servizz tagħhom f'din l-attivita'.

13.6.5 Ġiet trattata t-talba għall-Bozza ġdida fi Triq Cordina biex teħel ma' arblu eżistenti. Sar qbil li għandna ngħaddu din it-talba lill-Inġinier.

13.6.6 Irċevejna talba minn Għajnsielem F.C. għal spejjeż ta' ħsarat marbuta mal-kommunikazzjoni tad-drenaġġ meta sar ir-rinovazzjoni tal-latrina. L-istima ta xi €190. Il-Kunsill qabel li għandu jippro1edi bit-tiswijiet.

### 13.7 Update dwar il-Proġetti

13.7.1 Saret diskussjoni dwar l-andament tal-proġetti kurrenti fosthom:-

13.7.2 *Proġett tal-Misraħ fi' Pjazza Madonna ta' Loreto*

- Ġie approvat id-disnn mil-KPKK (Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattoliku) u eventwalment kif jkollna l-approvazzjoni ssir l-applikazzjoni ma' l-Aworita tal-Ippjanar.
- Saret laqgħa l-Minsteru għal Għawdex mal-Ministru u mas-CEO tal-Planning nhar it-Tnejn, 16 ta' Ġunju dwar l-aħjar mod li għanda ssir l-applikazjzoni kif wkoll dwar il-funding tad-DPF. S'issa l-Kunsill għandu disponsibli madwar €650,000 u €200,000 mill-NGO fund. Ġie diskuss il-possibilta li jingħataw aktar fondi u jmorru kontra zbilanċ ta' fondi li jidħlu fil-futur. Il-Ministru għal Għawdex qabel li lest jidħol għal finanzjament li jibqa. Ser napplikaw ghal DNO u malli jigi approvat issir press conference mil Ministru. Il-prezz tal-pjazza intela' ghax varjajna l-hxuna tal-pavimentar.

13.7.3 *Triq Hamri*

- Qed nistennew mill-kuntrattur għat-tieni sajf.

13.7.4 *Proġett ta' Bollards, pavimentar u lluminazzjoni quddiem il-każini.*

- Qed jigi ippjanat sabiex ix-xogħol jsir wara s-sajf

13.7.5 **Ġnien quddiem l-iskola Primarja**

- Sar qbil li għanda issir bankina ġdida tal-porfido sabiex tikkumplimenta il-proġett.
- Qed nistennew il-bankijiet jaslu għal bidu ta' Lulju
- Qed nistennew ġuranta tal-inawgurazzjoni tal-proġett ippajant għal aħħar ta' Lulju.

13.7.6 **Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra**

- Intbgħatet ittra ta' commencment notice to start works lil kuntrattur biex jkun jista jibda u jeħles fi żmien stipulat fit-tender. Hemm il-fondi u

nibzghu li jintilfu l-fondi. Tarag tender differenti u l-kutrattur huwa Mark attard u ser jinbeda ma jdumx.

13.7.7 **Proġett Playingfield Amabile Cauchi**

- Wara li nħareġ il-permess mill-BCA ix-xogħol beda xi ġranet ilu
- Il-perit qed jissuġerixxi xi bdil fil-mod li tinbena il-ġibja skond ir-riżultat li ħareġ mill-cores study. Qed jissuġerixxi li tinbena bil-piles. Qed jaħdem fuq talba biex tingħata lil Project Green.

13.7.8 **Bini Arkata**

- Qed nistennew il-garanzija mill-Kuntrattur sabiex ikun jista jibda

13.7.9 **Tisqifa daħla tal-Iskola u Tkabbir tat-terrazin**

- L-applikazzjoni mal-Awtorita tal-lppjanar ġiet sottomoessa aktar kmieni dan ix-xahar.
-

13.7.10 **Ġnien quddiem il-Kunsill**

- Il-Perit se jagħmel pjan dwar kif jitqassam ix-xogħol marbut ma' dna il-proġett u x'jista jsir bil-finanzjament li għadna.
- Il-finazjarjament se jkun minn skema tad-Dipartiment tal-Kusnilli Lokali.
- Rudolph Cauchi għandu jibda ir-restawr tal-monument tal-Vittimi tal-Gwerra kif maqbul fil-laqgħat preċedenti fl-aħħar ta' Mejju.

13.7.11 **Tisbiħ madwar il-Kappella ta' Lourdes**

- It-tender se jiġi awarded f'din il-laqgħa sabiex ikun jista jibda ix-xogħol meħtieġ
- Il-finanzjament tal-proġett se jkun mil-fond tal-LESA

**13.7.12 Tisbiħ tat-taraġġ wara il-Grand Hotel / Triq Hamri**

- Ġew preżentati disinni u kunċett mill- Perit Johnatan Cassar
- L-istima tax-xogħolijiet hi ta' madwar €20,000 jiddpependi x'tip ta materjali jintużaw
- Il-Kunsill qabel li japplika għal fondi meta jkun hemm possibilta li dan il-proġett jikkwalifika.

**13.9 Approvazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal- bordijiet għall- evalwazzjoni għall-offerti**

13.9.1 Ġew preżentati r-riżultati tal-Bord tal-Evalwazzjoni ta' dawn l-offerti: -
GHJN/05/2025 SERVICES– TENDER FOR BULKY REFUSE COLLECTION IN GHAJNSIELEM USING LOW-EMISSION WASTE COLLECTION TRUCKS kien kif gej:-
Marlon Camilleri ghall-prezz ta' €15,384
Nicholas Zammit ghall-prezz ta' €18,000 u

MJ Ltd ghall-prezz ta' €15984. Il-Kunsill qabel mal-Bord tal-Għażla li l-offerta għandha tingħata lill-aktar offerta vantaġġjuża u kompabbli dik ta' Marlon Camilleri.

13.9.2 Għall-offerta GHJN/07/2025- WORKS –TENDER FOR THE EMBELISHMENT OF THE AREA INFRONT OF TA' LOURDES CHURCH, GHAJNSIELEM, GOZO l-offerti mitfugħa kienu kif ġej:-
GM Developments €75,560 u dik ta' Mark Attard għal prezz ta' €87590. Il-Kunsill qabel mal-Bord tal-Għażla li l-offerta għandha tingħata lill-aktar offerta vantġġjuza u kompabbli dik ta' GM Developments.

13.9.3 Il-Kunsill qabel ma' dawn ir-rakkomandazzjonijiet u li għandu jibgħat il-letter of Acceptance u eventwalment jiġi iffirmat il-Kuntratt. Sar qbil li l-Kuntratt l-ġdid tal-Bulky refuse għandu jibda mill-1 ta' Awwissu 2025.

**13.10 Iljieli Sajfin**

13.10.1 Ġie diskuss il-programm u sar qbil li l-Programm Finali li ser jitqassam f'kull dar ser ikun kif ġej:-

**LULJU**

| | |
|---|---|
| It-Tlieta, 1 Lulju | Snooker Awards Ceremony |
| Is-Sibt, 5 Lulju | Soul Fire Show and Out of the Blues |
| Il-Ġimgħa, 11 Lulju | Bingo Night |
| Is-Sibt, 12 Lulju | Water Games by GħajnsielemKidz |
| Il-Ħadd, 13 Lulju | Rally tal-Festa |
| It-Tnejn, 14 ta' Lulju | Programm u Parata mill-Pulizija fi Pjazza Madonna ta' Loretu |
| Is-Sibt, 19 ta' Lulju | Rock & Roast (mal-grupp Divine Sinners) |
| Il-Ħamis, 24 ta' Lulju | Tombla fil-Pjazza |
| Is-Sibt, 26 ta' Lulju | Cocomelon u Baby Disco Night |
| Il-Ħadd, 27 ta' Lulju | Mickie u Minnie jiġu Għajnsielem |
| It-Tnejn, 28 ta' Lulju | Ċinema Miftuħa |
| It-Tlieta, 29 ta' Lulju | Ċinema Miftuħa |

**AWWISSU**

| Data | Avveniment |
|---|---|
| Is-Sibt, 2 ta' Awwissu | Lejla Retro tal-80s – Alex Grech |
| Il-Ħamis, 7 ta' Awwissu | GħajnsielemKidz – Vjaġġ bil-Ferrovija |
| Il-Ħamis, 7 ta' Awwissu | Ħarġa għal Kemmuna u BBQ |
| Il-Ġimgħa, 8 ta' Awwissu | Lejla ta' Tombla |
| Is-Sibt, 9 ta' Awwissu | Lejla ma' Għajnsielem FC |
| L-Erbgħa, 13 ta' Awwissu | Tombla fil-Pjazza 10 ta' Diċembru |
| Is-Sibt, 16 ta' Awwissu | Echoes from the Sea |
| Il-Ħamis, 21 ta' Awwissu | GħajnsielemFest 2025 |
| Il-Ġimgħa, 22 ta' Awwissu | BBQ tal-Festa (bil-partecipazzjoni tal-grupp Joygivers) |
| Is-Sibt, 23 ta' Awwissu | Kunċert tal-Allievi |
| Il-Ħadd, 24 ta' Awwissu | Prefeast Party |
| It-Tnejn, 25 ta' Awwissu | Il-Ġimgħa tal-Festa |
| It-Tlieta, 26 ta' Awwissu | Kunċert tal-Banda San Ġużepp |

**SETTEMBRU**

| Data | Avveniment |
|---|---|
| It-Tnejn, 1 ta' Settembru | Ikla ta' Wara l-Festa |
| Il-Ħamis, 4 ta' Settembru | Logħob Tradizzjonali tas-Sajf |

| | |
|---|---|
| Il-Ħadd, 7 ta' Settembru | Wirja ta' Ritratti Antiki fil-każin tal-Banda |
| It-Tnejn, 15 ta' Settembru | Il-Ġimgħa Mużewmina |
| Il-Ġimgħa, 19 ta' Settembru | Ħarsien tal-Ambjent u Mixja – Cleanup the World Day |

**13.11 Festa Titulari**

13.11.1 Is-Sindku Kevin Cauchi spjega kif Il-Kunsil għal darb'oħra se jkun qed jagħti is-sehem tiegħu fl-akbar attivita fir-raħal, il-Festa Titulari. Dawn jinkludi fost l-oħrajn:

- Tqassim mal grupp ta Loreto u Tolfa;
- Għajnuna lil Banda San Ġuzepp waqt il-kunċert annwali;
- Għajnuna lil għaqdiet tar-raħal li jaħdmu għal festa fl-attivitajiet matul is-sajf ;
- Immaniġjar tat-traffiku flimkien mal-Pulzuija u Transport Malta;
- Ftuħ tal-lattrina pubblika sa' tard bil-lejl;
- Tpoġġija u tbattil ta' bins;
- Tpoġġija ta' mwejjeg u bankijiet fil-food court (parkeġġ);
- Dwal mal-galleriji (floodlights) sabiex jsir marċ minn Pjazza Tolfa;
- Tpoġġija ta' mobile toilets

13.11.2 Aktar dettalji dwar il-Festa u l-organizazzjoni taghha jigu diskussi fil-laqgha li jmiss.

**13.12 Inawgurazzjoni Progett Tisbieh Faċċata tal-Iskola**

13.12.1 Is-Sindku ghamel referenza ghal fatt li l-progett jinsab kwazi lest u kullma jonqos huma l-bankijiet biex b'hekk ikun jista jigi inawgurat. Ghal din l-inawgurazzjoni qed nistennew id-data minn Ambjent Malta flimkien mal-Ministeru ghal Ghawdex

**13.13 Ġemellaġġ f'Loretu – Novembru 2025**

13.13.1 Is-Sindku ghamel referenza ghall-Grant Agreement tal-programm CERV li minnu hadna 20,300 sabiex jippartecipaw bejn 70-80 persuna minn Ghajnsielem fic-cerimonja tal-Iffirmar tal-Gemellagg f'Loretu li qed jigi pjanat bejn il-31 t'Ottubru u t-3 ta' Novembru.
13.13.2 Il-kunsillier Larry Buttigieg ġibed l-attenzjoni li l-31 t'Ottubru jkollna l-attivita' tal-Halloween u ghalhekk ikun ahjar jekk mmexxuh b'xi granet.
13.13.3 Sar qbil ukoll li ghandna niddiskutu l-organizazzjoni ta' din il-gita ma' agenzija peress li l-grupp ser ikun wiehed kbir u jkun jinhtieg organizazzjoni shiha.

**13.14 Approvazzjoni Financial Statements**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif il-Financial Statements finali għadhom ma ġewx ippreżentati mill-Awdituri u għalhekk ma jistgħux jiġu approvati f'din il-laqgħa.

**13.15 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti numru 144 u ġiet approvata.

**13.16 Materji oħra**

13.16.1 Is-Sindku għamel referenza għal fatt li s-sistema tal-arja kkundizzjonata fl-uffiċini tal-Kunsill mhux qegħda tkessah u kull supplier li ġibna biex jispezzjonaha qed jgħidilna li jrid jinbidel l-kumprassur il-kbir li jiswa aktar minn €5000 u li jrid ikun kompatibbli mas-sistema kollha, jiġifieri li jinxtara mingħand min iġib din id-ditta biss. L-option l-oħra hija li jinbidlu l-ACs kollha u l-ispiża tiġi ferm aktar għolja. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu stima ta' dan il-kumprassur partikolari u jekk l-ammont jeċċedi l-€5000 għanda napplikaw għal Direct Order mad-Dipartiment.

**13.17 Tmiem tal-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fis-6:00pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 31 ta' Lulju 2025 fis-13:00pm.

*Kevin Cauchi*
*Sindku*

*Lucienne Haber*
*Segretarju Eżekuttiv*